Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 22 – IL-ĦAMIS, 27 T' OTTUBRU 2016**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-18:06 sad-21:01.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **David Thake** | **Viċi Sindku (18:40)** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| | **Matthew Barbara** | **Kunsillier (sas-19:25)** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier (sas-19:25)** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier (18:45)** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |

| | | |
|---|---|---|
| **Assenti b'Apoloġija:** | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier *(imsiefra)*** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier *(imsiefer)*** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier (imsiefer)** |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

**1. APOLOĠIJI**

**1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillieri Buhagiar u Bugeja kienu nfurmawh li ma setgħux jattendu. Simone**

Aquilina ukoll infurmat li kienet indisposta li tattendi għal-laqgħa.

2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Kienu ppreżentati l-minuti li ġew meqjusa moqrija.

2.2. Il-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

3. PUNTI MILL-MINUTI

3.1. Dwar punt 3.2 is-Sindku nfurmat li kien hemm talba biex issir plakka bl-informazzjoni dwar il-Markiża mal-monument jew f'xi post qrib. Il-kunsill qabel unanimament li jagħmel din il-plakka.

3.2. Dwar punt 3.6, is-Sindku qalet li sar il-clean up fiż-żona ta' Ras il-Qawra bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, u rringrazjat lil dawk kollha li ħadu sehem : l-Ambaxxata Amerikana, Malta National Aquarium, Sharklab, Birdlife Malta, Nature Trust (Malta) u Maltaqua Diving School.

3.3. Dwar punt 3/10, is-Sindku nfurmat li skond korrisponedenza mingħand Blues Ltd. 71 minn 113 pedestrian guards huma ta' Blues Ltd. Il-kunsillier A. Grima talab li wieħed mir-riklami partikolari jiġi mċaqlaq minn fejn qiegħed peress li qiegħed eżatt quddiem bank u min ipoġġi ma jara xejn mill-veduta. Qal ukoll li rridu noqgħodu attenti li dan il-ftehim ma jiġix estiż mal-promenade kollu.

3.4. Il-kunsill għamel l-oġġezzjoni formali ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar punt 4.1. Kien hemm ukoll laqgha mal-E.T. l-President ta' Malta li matulha kien hemm qbil li tinħareġ stqarrija wara li din tiġi ċċirkolata u approvata permezz ta' email lill-kunsilliera, kif fil-fatt sar. L-istqarrija li kienet waħda qasira nqrat waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

3.5. Dwar punt 4.15, waħda mill-iskrivani ċemplet l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex tagħmel din it-talba. It-tweġiba kienet li applikazzjonijiet simili normalment ma jersqux quddiem il-bord ta' l-Awtorita' li fih hemm rappreżentanza tal-Kunsill. Intbagħtet imejl lill-Awtorita' u qed nistennew tweġiba bil-miktub.

3.6. Il-kunsillier A. Grima għamel proposta dwar punt 4.17 biex il-Kunsill jikkonsidra li toħroġ bye-law, weħidna jew ma' kunsilli oħra li tgħid li jkun inaċċettabli li wieħed jibgħat flyer mingħajr l-indirizz lil min ser tintbagħat. Ġie deċiż li din il-proposta titla' bħala item separata fillaqgħa tal-Kunsill biex ikun hemm ħin għal ħsieb dwarha. Nieħdu wkoll il-parir ta' l-avukat u l-opinjonijiet tar-residenti.

3.7. Dwar punt 4.18, is-Sindku qalet li ddaħlet l-applikazzjoni għall-Youth Exchange.

3.8. Il-kunsillier A. Grima qal li dwar punt 7.6 għadda xahar, u l-imsemmija bankina għadha l-istess. Qal li jekk hemm problema għallinqas issir biċċa minnha.

3.9. Dwar l-attivitajiet tal-Milied, is-Sindku nfurmat li ltaqa' s-sotto kumitat, u spjegat il-ħidma li saret. Saru wkoll laqgħat mal-għaqdiet tal-armar. Inħarġu 3 kwotazzjonijiet differenti għall-armar tad-dwal fit-toroq, waħda għaż-żona ta' San Pawl li tinkludi l-armar biss għax ser jintuża d-dawl li għadu tajjeb u li huwa propjeta tal-kunsill. Fiż-żona tal-Qawra u Buġibba ħarġu 2 kwotazzjonijiet separati li jinkludu l-kiri u l-armar tad-dwal. Ser jinxtraw ukoll xi dekorazzjonijiet. Hu maħsub ukoll li jsiru 2 attivitajiet, waħda f'San Pawl u l-oħra fil-Qawra, kif ukoll kompetizzjonijiet. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1. Id-Dipartiment tas-Saħħa jnforma li ser joffri servizz ta' Dental Screening bla ħlas nhar it-Tnejn 31 t'Ottubru filgħodu ħdejn il-Berġa tal-Gvern.

4.2. TCTC qed joffri korsijiet fil-binja tal-Kunsill Lokali. L-isponsor li jissemma fil-poster huwa l-fatt li l-Kunsill qed joffri l-post u mhux sponsor finanzjarju.

4.3. L-għaqda ta' l-Armar tal-Festa ta' San Pawl il-Baħar talbet riklam tal-Kunsill fil-Kalendarju annwali ta' l-Għaqda. Ġie approvat li nirrevedu l-informazzjoni fejn hemm bżonn u jsir dan ir-riklam.

4.4. L-iskejjel ta' San Anton u San Andrea qed jitobu li jingħalaq l-aċċess għall-karrozzi fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ ta' l-iskola. Filwaqt li l-Kunsill Lokali ma jsibx oġġezjoni dwar dan, irridu nkunu ċari li apparti r-raħħala u r-residenti, u vetturi awtorizzati mill-iskola, anke għalliema u staff li jaħdmu fl-iskola ikollhom aċċess li jidħlu u joħorġu mit-triq f'kull ħin.

4.5. L-ANSEK, l-Assocjazjoni Nazzjonali tas-Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsilli Lokali qed tistieden lis-Segretarji Ezekuttivi ghal Konferenza Bi-annali Internazzjonali UDITE, L-Assocjazjoni nfurmat li ser tkun qed tissusidja l-ewwel €300 ta' l-ispiza u talbet lill-Kusilli Lokali li jissusidjaw id-differenza tal-ispiża. Il-kunsill qabel.

4.6. Is-Sindku nfurmat li ser jinżamm Euromed Cities Network Meeting f'Nice. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna sabiex jattendu.. Il-kunsill qabel li meta wieħed jikkunsidra l-

ispiża nvoluta, li ladarba din ma tolqotx direttament il-ħidma tal-kunsilli kif jiffunzjonaw hawn Malta u li ser ikun hemm rappreżentanti mir-reġjun, ma nħassx il-bżonn li jintbagħat xi ħadd.

4.7. Dwar PA 1696/16, ġie approvat il-permess għall-bini tal-iskola Primarja tal-Qawra. Importanti li nibqgħu naraw li l-benefiċċji li ġew diskussi waqt laqgħa li saret apposta u li minnhom ser igawdu r-residenti jibqgħu hemm. Għandhom jintalbu kopja tal-pjanti kif approvati.

4.8. Wasal il-viċi Sindku David Thake fis-18:41

4.9. Dwar PA 5909/16 Il-kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni li hemm xelter taħt il-bini eżistenti, kif ukoll li għandu jiġi kkunsidrat li tinżamm il-faċċata.

4.10. Wasal il-kunsillier D. Grima fis-18:44

4.11. Dwar PC 0053/16 fi Triq il-Porzjunkola – proposal of new scheme public pedestrian road, il-kunsillier A. Grima ddikjara kunflitt ta' interess minħabba konnessjonijiet familjari, u ħareġ mil-laqgħa sakemm tittieħed deċiżjoni. Il-kunsill għandu jitlob raġuni għal din it-talba u sadanittant jirreġistra l-oġġezzjoni tiegħu li wara tista' tiġi rtirata. Ġie mistoqsi wkoll jekk din issir pubblika, is-servizzi u l-manutenzjoni ser jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill? Ser jiżdiedu postijiet ta' parkeġġ għall-pubbliku?

4.12. Il-kunsillier A. Grima jidħol lura fil-laqgħa.

4.13. PA 04363/16 Triq il-Qarbuni, Wardija. Construction of rubble walls and access gate. Il-Kunsill staqsa lill-GPD jekk l-art hix privata jew pubblika. Il-kunsill qabel li joġġezzjona jekk din il-parti ta' l-art hija pubblika.

4.14. PA5374/08 Triq is-Sardin, Burmarrad. To sanction open storage facility/construct rubble wall and landscaping works; Il-kunsill għandu vot f'din l-applikazzjoni minħabba li l-Kunsill hu rappreżentat f'dawn it-tip ta' applikazzjonijiet. Is-Sindku kienet preżenti għas-seduta tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar din l-applikazzjoni u tikkonferma li numru ta' residenti kienu preżenti bħala objectors, ressqu xi proposti lill-applikant, l-applikant laqa' dawn il-proposti u għalhekk ir-residenti rtiraw l-oġġezzjonijiet tagħhom. Din l-informazzjoni tinsab online fil-minuti fis-sit ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Il-kunsillier D. Grima jissuġġerixxi li qabel tittieħed xi deċiżjoni, jinġiebu l-pjanti u narwhom flimkien. Il-kunsillier A. Grima jgħid li jaqbel li naraw il-pjanti iżda jagħmilha ċara li jekk dan huwa bini illegali fuq ODZ ma jaqbilx miegħu. Il-viċi Sindku jgħid li b'mod ġenerali l-kunsill għandu jieħu din il-

pożizzjoni. Kien hemm qbil unanimu li titressaq f'laqgħa oħra qabel ma jiltaqa' l-bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

4.15. Il-kunsillier A. Grima bagħat korrispondenza fejn jitlob li l-kunsill joġġezzjona għal kull talba li ssir biex garaxx isir ħanut.

4.16. Telqu l-kunsilliera Piscopo u Barbara fis-19:25

4.17. Ittieħed vot dwar il-korrispondenza msemmija f'punt 4.15. Il-mozzjoni m'għaddietx b'vot wieħed favur u seba' (7) voti kontra.

4.18. PA0940/16 – The Bothy restaurant fi Triq Patri Ġużepp Calleja ressaq talba 'additional tables and chairs'. Il-kunsill ma jsibx oġġezjoni għal dan fuq pavimentar eżistenti sakemm jitħalla aċċess fuq il-bankina għal min juża wheelchair.

4.19. PA 05165/16 – Triq it-Trunċiera qed issir talba għal *mobile ice cream van within a parking space*. Il-kunsill joġġezjona għall-fatt li ser jintilef spazju ta' parkeġġ.

4.20. Is-Sindku ressqet korrispondenza minn WEEE Malta fejn qed jitolbu li jitpoġġa trolley fil-bini tal-kunsill ta' daqs metru kwadru (1mx1m) li fih jintrema materjal elettroniku li ma jkunx akbar minn 40 ċentimetru. Il-kunsill jaqbel, iżda għandna nistaqsu jekk nistgħux insibu ukoll postijiet alternattivi peress li l-bini tal-Kunsill mhux daqshekk ċentrali.

4.21. Ġiet ippreżentata korrispondenza minghand id-DLG dwar kontijiet pendenti lil Joe Bonnici & Sons, u purchase orders, waħda ffirmata mill-Kunsillier Tabone u oħra mis-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien Frans Chircop, għal servizzi mogħtija barra mil-lokalita' lill-għaqdiet waqt attivitajiet tagħhom fl-ewwel xhur tal-2015, liema servizzi ma kinux approvati minn qabel mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkomunika mas-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien dwar dan.

## 5. ĦLAS TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI

5.1. Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti.

5.2. Dwar pagament 631b Il-kunsilliera A. Fenech qalet li fi Triq Sant' Antnin għad hemm 3 bozoz ma jixghelux. Ġie deċiż li jinżamm dan il-pagament sakemm nikkonfermaw li dan ix-xogħol fil-fatt sar. Is-Sindku tissuġġerixxi li nitkellmu mar-Reġjun Tramuntana biex nerġgħu nidħlu fi skema ta' ċċekjar li l-kunsill kien diġa fiha qabel.

5.3. Il-kunsillier A. Grima jgħid li hemm bżonn isir aktar moniteraġġ dwar il-pagamenti biex naraw li x-xogħol imħallas ikun sar. Il-Viċi Sindku jissuġġerixxi li l-kunsill ikollu projects manager. Il-kunsill qabel li jinħareġ tender.

5.4. Dwar pagament numru 634, il-kunsilliera A. Fenech qalet li l-ispiża hija kbira. Il-kumplament tal-kunsilliera jgħidu li huwa raġonevoli. Intqal ukoll li qed jingħata servizz tajjeb mill-ħaddiema li qed inaddfu l-latrini fil-preżent. Is Sindku talbet li jingħata direct order għall-Ħdud u meta ma jkunx possibli li s-servizz jingħata mill-ħaddiema tal-kunsill sakemm tiġi rranġata s-sitwazzjoni. Il-kunsill approva.

5.5. Il-Viċi Sindku jgħid li qed jitħallsu ħafna flus għal *street sweeping* iżda s-servizz mhux sodisfaċenti. Isemmi wkoll is-servizz tal-handyman u jgħid li dan ukoll mhux sodisfaċenti. Ġie ċċarat li qed isiru xogħlijiet oħra speċjalment ta' ġbir ta' skart goff abbandunat li qed itellef mix-xogħol propju tal-handyman.

5.6. Dwar pagamenti 637 a,b,c, ġie mistqosi x'inhuma dawn il-pagamenti lil Guard and Warden Service House. Ġiet sospiża għal ftit ħin il-laqgħa biex waħda mill-iskrivani tagħti spjegazzjoni li tatha l-accountant għal dawn il-ħlasijiet. Il-kunsill qabel li jinżammu dawn il-pagamenti sakemm ikollna tweġiba mingħand Guard and Warden Services.

## 6. EVALWAZZJONI TA' TENDERS

6.1. Qabel ġiet diskussa l-materja dwar in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat minn kunsilliera, is-Sindku ssuġġeriet li jittella' għad-diskussjoni l-punt dwar l-evalwazzjoni tat-tenders u dan sabiex ikun diskuss it-tender tac-civil and finishing works taż-żona Thalassalejn. Il-kunsillier A. Grima oġġezzjona li din il-materja tiġi diskussa dak il-ħin u qal li għandha tiġi diskussa fl-aħħar tal-laqgħa wara li titlesta l-aġenda pjanata. Il-viċi Sindku qal li jaqbel fil-prinċipju mal-kunsillier A. Grima, iżda jipproponi l niddiskutuha biex ma jinħeliex aktar ħin.

6.2. Is-Sindku ressqet ir-rapport tal-perit dwar ir-rikostruzzjoni tal-playing field f'Thalassalejn. Kien hemm qbil mill-kunsill li mmorru għall-irħas offerta f'dan il-kaz.

6.3. Il-kunsillier A. Grima jistaqsi fhiex wasal il-bord ta' evalwazzjoni u jinforma li hu qed jirtira mill-bord ta' l-evalwazzjoni tat-tenders minħabba l-kwistjoni tad-dewmien. Is-Sindku fakkret li sa ftit ilu l-Kunsill kellu Aġent Segretarju Eżekuttiv u li għalhekk ma kienx possibli li jitwettaq ix-xogħol kollu minħabba limitazzjonijiet ta' ħin.

## 7. NUQQAS TA' ATTENDENZA GĦAL LAQGĦAT MINN KUNSILLIERA

7.1. Saret referenza għall-korrispondenza fl-aħħar laqgħa fejn ġie nnutat li l-kunsilliera Barbara, Buhagiar u Piscopo ma kinux preżenti għal numru ta' laqgħat. Il-Viċi Sindku jistaqsi jekk dan hux ġustifikat.

7.2. Il-kunsilliera A. Grima jgħid li ma tistax tiġġudika r-raġunijiet għalfejn persuna ma tkunx attendiet għal-laqgħa. Il-kunsillier Tabone jgħid li jaqbel ma' dan.

7.3. Il-Viċi Sindku jwieġeb li tista' tiġġudika fuq ix-xogħol li jsir fil-kunsill mill-persuni konċernati għax mhux ġust li x-xogħol li suppost jagħmlu tlettax (13) –il persuna qed jaqa' fuq inqas nies.

7.4. Il-kunsillier D. Grima jistaqsi fuq liema bażi ser niġġustifikaw l-assenza ta' xi ħadd. Il-Viċi Sindku jgħid li l-assenza tal-kunsilliera mhix ġustifikata għax l-attendenza tal-laqgħa hija l-minimu li hu mitlub minn kunsillier, u lanqas dan l-appuntament m'hu qed jiġi onorat minn xi wħud; jgħid li qed nitkellmu dwar persuni li aktar ifallu milli jiġu.

7.5. Il-kunsillier A. Grima jgħid li l-istess jiġri meta persuna tiġi għal ftit ħin u titlaq mil-laqgħa. Jagħfsmilha ċara li fil-każ tiegħu, ikollu xi jkollu, dejjem ser jgħid raġunijiet personali.

7.6. Il-Viċi Sindku jitlob li jittieħed vot dwar jekk l-assernza ta' dawn il-kunsilliera hijiex ġustifikata jew le. Il-kunsillier D. Grima jissekondah.

7.7. Qabel ittieħed il-vot is-Sindku proponiet li niktbu lid-Dipartiment biex nistaqsu jekk meta r-raġuni li tingħata tkun biss 'raġuni personali' mingħajr ebda informazzjoni, l-assenza għandhiex tiġi ġustifikata jew le. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku u mill-kunsillier A. Grima. Il-Kunsill qabel.

## 8. ĦIDMA TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BURMARRAD

8.1.1. Is-Sindku nfurmat li ntbagħtet korrispondenza mingħand Simone Aquilina, chairperson tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad li ma kienx possibli għaliha li tattendi u li fiha tagħti spjegazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' l-istess kumitat. Il-kunsill qabel li għandha tattendi fil-laqgħa li jmiss u tispjega dak li ġie miktub fil-korrispondenza.

## 9. Tniġġiż tal-Baħar madwar il-lokalita'

Is-Sindku infurmat li kien hemm talba mingħand il-Kunsillier Piscopo biex dan l-item jitla' fuq l-aġenda tal-Kunsill. Il-Kunsillier Piscopo ma kienx preżenti f'dan il-ħin. Ġie deċiż li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**10. TMIEM IL-LAQGĦA**

**10.1. Fid-21:00 il-Kunsill qabel il jtemm il-laqgħa.**

**10.2. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016 fis-18:00.**

IFFIRMATA

**Graziella Galea**
**Sindku**

IFFIRMATA

**Malcolm Agius**
**Segretarju Eżekuttiv**